MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2015

Numru. 24/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Lewis Saliba**

Numru: 24/2009

Illum 24 ta' Frar 2015

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Lewis Saliba**, ta' sitta u hamsin sena, iben John u Lorenza neé Grima, imwieled l-Ghasri, Ghawdex, nhar l-24 ta' Novembru 1952, residenti fil-fond numru 5, Triq Dun Karm Caruana, Ghasri, Ghawdex, detentur tal-

Karta tal-Identita' bin-Numru 73552(G) akkuzat talli nhar is-27 ta' Marzu 2009, ghal habta ta' l-erbgha neqsin ghaxra ta' wara nofsinhar (15:50hrs) u fil-granet ta' qabel gewwa r-Rabat, Ghawdex u f'postijiet ohra gewwa Ghawdex, b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet:

1. biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghal hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema mxebbhin b'qerq u cioé numru ta' DVDs u oggetti ohra foloz.

Il-Qorti giet mitluba sabiex, f'kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-ligi, tordna wkoll il-konfiska tal-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti ukoll mitluba sabiex, f'kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbilita mil-ligi, tikkundanna lil Lewis Saliba ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif kontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (Dok. "C" – *a fol.* 13).

Rat li, meta sar l-ezami tal-imputat, l-imputat ta l-kunsens tieghu sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (*a fol.* 14).

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' April 2014 moghti mis-Sinjurija Tieghu l-Prim'Imhallef (*a fol.* 85).

Rat id-digriet moghti minn din il-Qorti kif preseduta fil-5 ta' Mejju 2014 (*a fol.* 88).

Semghet, fis-seduta tat-28 ta' Jannar 2015 (*a fol.* 95), lill-Prosekuzzjoni u lid-difiza jezentaw lill-Qorti kif preseduta milli terga' tisma x-xhieda li diga nstemghu minn din il-Qorti kif diversament preseduta qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta.

Semghet, fis-seduta tat-28 ta' Jannar 2015 (*a fol.* 95), lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet, fis-seduta tallum, is-sottomissjonijiet finali dwar il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat fir-rigward tal-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tieghu.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Illi, meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in kunsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reati addebitati lill-imputat, il-fedina penali tieghu (Dok. "B" – *a fol.* 10 *et seq.*) u, sa certu punt, l-ammissjoni tal-imputat ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu. Il-Qorti tinnota li l-imputat setgha jibbenefika minn piena anqas severa kieku huwa ghazel li jammetti l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu fi stadju aktar bikri u dana qieghed

jinghad peress li jirrizulta li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu meta l-kawza kienet waslet fi stadju tal-provi tad-difiza u kienet ilha tinstema l-fuq minn hames snin.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat Artikoli 18 u 298(1)(f) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat Lewis Saliba hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal perijodu ta' seba' (7) xhur prigunerija li b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-istess Kapitolu 9 qed jigu sospizi ghal sentejn.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sentejn millum.

Il-Qorti tordna l-konfiska tad-*DVDs* li huma elenkati f'ricevuta Dok. "AS 3" (*a fol.* 18), konsistenti f'DVD u pakkett kontenenti sbatax il-DVD (Dok. "AS 1" u Dok. "AS 2" – *a fol.* 5 u 17) u tordna d-distruzzjoni taghhom taħt il-ħarsien tar-Registratur.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tikkundanna lill-imputat Lewis Saliba sabiex sa zmien xahar millum ihallas is-somma ta' tlitt mija u tmien Euro u sebgha u disghin centezmu (€308.97) liema somma tirraprezenta l-ispejjes konnessi mal-hatra ta' Dr. Martin Bajada bhala espert f'dan il-kaz.[1]

[1] Rapport immarkat bhala Dok. "MB" (*a fol.* 50 *et seq.*). Spejjez *a fol.* 54 *tergo.*

# < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------